MT

TEATRU MALTA

SEJĦA GĦAL SERVIZZ

# ASSISTENT TAL-MANIĠER TAL-PALK

STAĠUN 2024/25

National Agency *for* *the* Performing Arts

Aġenzija Nazzjonali *għall*-Arti Performattiva

teatrumalta.org.mt

**Teatru Malta hija l-kumpanija nazzjonali tat-teatru**,
li ttella' esperjenzi innovattivi lill-komunitajiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta u Għawdex. Teatru Malta hija parti mill-**Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva**.

Qed infittxu **Assistent tal-Maniġer tal-palk** ta' esperjenza u entużjast biex jaħdem fuq numru ta' proġetti li jiġu żviluppati u mtellgħin fi ħdan il-programm artistiku, kif imsemmi hawn taħt.

Il-kandidat magħżul se jkun qed jgħin lid-Direttur, **Sean Buhagiar,**
fuq dak kollu li jkunu jirrekjedu l-produzzjonijietfil-kalendarju ta' Teatru Malta,
u jirrapporta lura lil-Location & Stage Manager, **Sefora Mannino**.

## Proġetti Futuri

L-applikanti jistgħu japplikaw għal wieħed jew iktar minn dawn il-proġetti msemmijin hawn taħt. Huwa importanti ħafna li l-applikanti jkunu disponibbli fid-dati tal-proġetti li japplikaw għalihom.

**PROĠETT NUMRU 1**

Mill-15 ta' Lulju sat-2 t'Awwissu 2024
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, matul il-ġurnata

Mill-4 ta' November sal-14 ta' Novembru 2024
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, matul il-ġurnata

Mill-15 ta' Novembru sas-26 ta' Novembru 2024
Matul il-ġimgħa filgħodu,
Is-Sibt u l-Ħadd wara nofsinhar u filgħaxijiet

**PROĠETT NUMRU 2**

Mit-3 ta' Settembru sal-20 ta' Ottubru 2024
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, matul il-ġurnata

Mill-21 ta' Ottubru sad-29 ta' Ottubru 2024
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, matul il-ġurnata

Mit-30 ta' Ottubru sal-1 ta' Novembru 2024
Filgħaxijiet

It-2 ta' Novembru u 3 ta' Novembru 2024
Il-ġurnata kollha

**PROĠETT NUMRU 3**

Mis-17 ta' Ġunju sal-21 ta' Ġunju 2024
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, matul il-ġurnata

Mill-11 ta' Novembru sat-30 ta' Diċembru 2024
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, matul il-ġurnata

Mill-31 ta' Diċembru 2024  sad-9 ta' Marzu 2025
Wara nofsinhar/Filgħaxijiet kuljum,
li jinkludu l-weekends

↓ **The Best European Show** (2024)



## Responsabbiltajiet Ġenerali ta' Assistent tal-Maniġer tal-Palk

- Ikun disponibbli u preżenti għall-provi kollha, provi bil-kostumi u l-ġimgħa tal-produzzjoni tal-proġett/i magħżul/a;
- Jikkomunika dirett mad-Direttur biex jieħu ħsieb it-tibdil li jsir fl-iskript u l-cues waqt il-provi;
- Jaġġorna u jikkoordina lit-tim bit-tibdiliet u/jew l-emendi tal-iskript u/jew skedi waqt il-perjodu tal-provi u waqt il-ġimgħa tal-produzzjoni;
- Jikkollabora u jikkomunika mad-Direttur, mat-Tim Artistiku u mal-Maniġer tal-Palk fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-palk, sett u props għall-produzzjoni; u
- Ikun disponibbli għal-laqgħat, anke laqgħat fuq il-post meta d-Direttur jew il-Produttur jeħtieġ.

↓ **Dik is-Siġra f'Nofs ta' Triq** (2023)



## Ħiliet u Kompetenzi

Sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikanti għandhom ikollhom:

- Għarfien tax-xena kulturali u kreattiva lokali; u
- Esperjenza fi rwol ta' Assistent tal-Maniġer tal-Palk; u
- Flessibbli b'modi raġonevoli u li jkunu kapaċi jaddattaw għal tibdiliet u rikjesti tal-aħħar minuta; u
- Organizzati b'mod metikoluż; u
- Ħiliet mill-aqwa biex isolvu dak li jista' jinqala' u l-abbiltà li jikkomunikaw b'mod effettiv; u
- Proficjenza fl-Ingliż u l-Malti, b'ħiliet eċċellenti fil-kitba u t-taħdit; u
- Kapaċi jaħdmu kemm għal rashom u anke f'tim, b'attenzjoni għall-irqaqat; u
- Kapaċi jaħdmu taħt pressjoni.

## Paga

Il-paga tiġi bbażata skont l-esperjenza u fatturi oħrajn jiġu nnegozjati skont il-proġett jew proġetti.

## Kif Tapplika

L-applikanti għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' Curriculum Vitae ddettaljata u jispeċifikaw liem proġett jew proġetti qed japplikaw għalihom. Għandhom jibagħtu kollox permezz ta' email fuq **contact@teatrumalta.org.mt** sa mhux iktar tard mill-**10th of April 2024,** at **noon**.

L-applikanti għandu jkollhom numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT validu. Il-kandidat magħżul ikun responsabbli mit-taxxa relevanti u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-liġi nazzjonali. L-applikanti eliġibbli se jkunu mitluba jattendu intervista qabel jintgħażlu.